**29 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Joseph Vella

*versus*

Anthony Camilleri *et*

## Habta - *Skid*

*Ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta'* skid *il-prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun li* skid *waħdu la hu prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negliġenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta allura hemm ir-responsabbilità nonostante l-*iskid*; jekk ma tirriżultax allura l-*iskid *hija difiża għax tkun inċident inevitabbli.*

*Ġie ritenut ukoll* in subjecta materia *li meta ssir habta minħabba li waħda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli jekk ma jagħrafx jagħmel il-manuvra meħtieġa biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu żmien li jagħmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jagħmel xi manuvra li taggrava l-*iskid.

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru, 1995, l-attur Joseph Vella interpella, permezz ta' ittra ġudizzjarja, lill-konvenuti Anthony Camilleri u lis-soċjetà assiguratriċi Royal Insurance u tahom tmienja u erbgħin (48) siegħa sabiex huma jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni kkaġunati f'inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq San Pawl, il-Migduma, limiti tal-Mellieħa, nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, 1995, fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħodu (7.20 a.m.);

Premess illi tali inċident awtomobilistiku seħħ bejn il-vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni H-5887 ta' l-għamla Bedford, u l-vettura B-3168 ta' l-għamla Nissan, il-Bedford

proprjetà tal-konvenut Anthony Camilleri kif debitament assigurat mal-konvenut l-iehor is-soċjetà assiguratriċi estera Royal Insurance, filwaqt li n-Nissan huwa proprjetà ta' l-attur Joseph Vella kif assigurat mas-soċjetà assiguratriċi Sun Alliance;

Premess illi jirriżulta illi waqt illi l-van B-3168 ta' l-attur kien qiegħed jaqla' żewġ vetturi *involuti f'inċident* awtomobilistiku iehor, malli l-istess attur mar biex jipproċedi għat-telgħa *minn naħa* tax-Xemxija *għall-Mellieħa tul Triq San* Pawl, il-van H-5887 misjuq mill-konvenut Anthony Camilleri, li kien ġej 'l isfel *applika l-brakes biex jevita kolliżjoni frontali* billi kien qiegħed isuq bi *speed* eċċessiv, u konsegwentement il-konvenut Anthony *Camilleri skiddja fuq it-triq li kienet tiżloq* għaliex kienet imxarrba wara li kienet għamlet ix-xita, u spiċċa biex daħal fil-vettura *ta'* l-attur *Joseph Vella*;

Premess illi d-dettalji kif hawn fuq indikati fil-premessi preċedenti jirriżultaw mill-okkorrenza kif iffirmata mis-Surġent tal-Pulizija PS 468 S. Gauci u dana a bażi ta' kopja ta' l-iskizz ta' l-istess inċident awtomobilistiku u r-rapport ta' l-inċident tat-triq ukoll dokument uffiċjali;

Premess illi b'hekk jirriżulta manifestament illi l-attur m'għandu l-ebda *tort f'dana* l-*inċident* awtomobilistiku u għaldaqstant il-konvenuti Camilleri u l-kumpannija assiguratriċi li magħha huwa assigurat jew *min minnhom* għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni kollha sofferti mill-istess attur, kaġun tan-negliġenza, traskuraġni u *nuqqas t'osservanza* tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Anthony Camilleri;

*Omissis*;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeċidi illi l-*inċident* awtomobilistiku li seħħ nhar il-Ġimgħa, tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju, 1995 fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħodu (7.20 a.m.) fi Triq San Pawl, il-Migduma, limiti tal-Mellieħa, bejn il-vetturi Bedford bin-numru tar-reġistrazzjoni H-5887, misjuq mill-konvenut Anthony Camilleri, u l-vettura Nissan bin-numru tar-reġistrazzjoni B-3168, misjuqa mill-attur Joseph Vela, seħħ tort unikament tal-konvenut Anthony *Camilleri minħabba* t-traskuraġni, negliġenza, sewqan eċċessiv, u n-nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut;

Illi l-konvenuti Anthony Camilleri u Galdes & Mamo Ltd. kif surrogata in rappreżentanza tas-soċjetà assiguratriċi estera Royal Insurance li magħha l-konvenut Anthony Camilleri huwa assigurat, jew min minnhom, huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-istess attur Joseph Vella;

*Omissis*;

Illi tali danni kif likwidati għandhom jitħallsu lill-istess attur mill-konvenuti *jew min minnhom bl-imgħaxijiet* legali sal-pagament effettiv;

*Omissis*;

Bl-ispejjeż ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji, inklużi dawk ta' l-ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Ottubru, 1995;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur a fol. 5;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Camilleri a fol. 31 fejn eċċepixxa;

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur billi l-inċident in kwistjoni ma sarx b'tort ta' l-eċċipjenti, iżda b'tort unikament ta' l-attur Joseph Vella u dan minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-*regolamenti tat-traffiku da parti* ta' l-istess attur hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk id-danni kollha għandhom jiġu sopportati mill-attur;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbali a fol. 35 u 41;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

*Omissis*;

L-attur qed jikkontendi li hu m'għandux tort għax il-konvenut kien traskurat u kien qed isuq bi *speed* eċċessiv;

Il-konvenut qed jikkontendi li hu kien skiddja iżda kieku ma sabx lil Vella *wrong side*, hu kien jibqa' nieżel dritt;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut kien skiddja **qabel** ma ra lill-attur ġej. Hu kien applika l-*brakes* iżda skiddja;

Il-konvenut xehed li kien għadu kemm qabeż ir-*roundabout* fejn il-*Belleview* u kien nieżel biex jikser fuq ix-xellug. Hemm liwja qawwija u kif dar ra karozzi involuti

f'inċident. Kien għaddej bi *speed* normali u meta rah hekk naqqas aktar l-i*speed* u applika l-*brakes*. It-triq kienet imxarrba u ma' l-ilma kien hemm xi ftit *diesel*. Il-*brakes* żammew iżda skiddja, tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' nieżel dritt. Minn faċċata kienet ġejja il-karozza ta' Vella li kienet ġejja *wrong side* biex tevita l-inċident l-ieħor u biex jevita lilu dawwar l-i*steering* u l-van angola ruħu u ħabat mal-karozza ta' Vella;

Ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta' *skid* il-*prinċipju regolatur ma jistax ħlief ikun li skid waħdu la hu prova* ta' negliġenza u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jiġu ndagat jekk kienx hemm xi negliġenza anteċedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabbiltà nonostante l-i*skid*. Jekk ma tirriżultax, allura l-i*skid* hija difiża għax tkun inċident inevitabbli. *Għaldaqstant biex id-difiża ta' skid* tirnexxi jeħtieġ li **d-*driver* jipprova mhux biss li l-i*skid* kienet dovuta għall-art tiżloq, imma ukoll li l-i*skid* saret bl-ebda tort tiegħu u li huwa jkun ħa l-prekawzjonijiet kollha li għandu jieħu sewwieq prudenti meta l-art tkun tiżloq (Pulizija *vs* C. Cachia,** Vol. 37, pt. 4, p. 920);

Ġie ukolll ritenut *in subjecta materia* li meta ssir ħabta *minħabba li waħda mill-vetturi* tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli jekk ma jagħrafx jagħmel il-manuvra meħtieġa biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu żmien li jagħmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jagħmel xi manuvra li taggrava l-i*skid* (Vol. 37, pt. 4, p. 873);

Il-paragrafu 107 tal-*Highway Code* jikkonsilja hekk:

*"Never drive at such a speed that you cannot pull up within the distance that you can see to be clear.* ***Remember that your visibility is reduced at corners and over the crest of hills and that your braking distance is greater downhill or when the***

***road is wet or slippery***";

Illi fil-każ in eżami l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma ppruvax li l-*iskid* saret bla ebda tort tiegħu u li huwa jkun ħa l-prekawzjonijiet kollha li għandu jieħu *driver* prudenti meta l-art tkun tiżloq. Apparti li l-art kienet tiżloq il-konvenut kien qed *jimmanuvra kantuniera li hu ddeskriviha bħala qawwija*, kważi 90°, u kien nieżel f'niżla qawwija (ta' Selmun);

L-attur allega li l-konvenut kien ġej bi *speed* qawwi. Il-Qorti ma rriżultalhiex li kien hemm xi *speed* esaġerat da parti tal-konvenut, iżda ma jidhirx lanqas li l-konvenut kien għaddej bi *speed* prudenti għal-lokalità u ċirkostanzi tal-mument;

**Għalhekk il-konvenut Camilleri għandu tort għall-kolliżjoni jew parti mit-tort;**

*Il-Qorti teżamina ukoll jekk l-attur kellux tort. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-każ anke l-attur kellu tort;*

L-attur qed isostni li hu kellu bilfors imur fuq in-naħa l-oħra għax kien hemm ħabta fuq ix-xellug tiegħu. Jista' jkun veru li l-attur kellu bżonn jaqbeż il-linja medjana biex jissokkta fi triqtu, iżda dana seta' jagħmlu biss wara li jassigura ruħu li kien prudenti li jagħmel dana. Haġa li ma jidhirx li għamel. L-obbligu ta' *proper look-out* ta' l-attur kien akbar fiċ-ċirkostanzi billi apparti l-ħabta kien hemm kantuniera u l-art kienet imxarrba;

"*Min ikun qiegħed isuq karozza m'għandux jagħmel il-manuvra ta'* *overtaking* mingħajr ma jkun *safe* li ssir dik il-manuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn żmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju żejjed, dik il-manuvra hija ħażina" (App. Krim. **Pulizija** *vs* **T. Meilak**, Vol. 33 pt. 4, p. 723);

Ir-responsabbilità li l-manuvra ta' sorpass tkun tajba - tant għall-post, kemm għall-ħin kif ukoll għall-esekuzzjoni tagħha - hija għal kollox fuq *id-driver* li ser jagħmel is-sorpass **(Genovese *vs* Wells**, 27.6.72);

Fil-Kodiċi dwar it-Traffiku fit-Triq, (***Highway Code***), Artikolu 74 insibu:

"*DO NOT OVERTAKE at or when approaching*

*(i) a pedestrian crossing;*

*(ii) a road junction;*

*(iii) a sharp corner or* ***bend****;*

*(iv)* ***the brow of a hill****;*

*(v) a hidden dip;*

*DO NOT OVERTAKE:*

*(i) where the road narrows;*

*(ii) when to do so would force another vehicle to swerve or reduce speed;*

*(iii) when there is not enough space and where the visibility does not permit you to do so without danger;*

*(iv) when there is a long stream or a convoy of vehicles ahead of you or a vehicle which is itself already overtaking or if*

*overtaking is otherwise **dangerous or difficult for the time being;***

***IF IN DOUBT - HOLD BACK***";

**Wara li kkunsidrat kollox il-Qorti hi tal-fehma li l-inċident ġara tort taż-żewġ sewwieqa ta' grad ugwali: 50/50**;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li l-inċident ġara tort taż-żewġ sewwieqa nofs bin-nofs; tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' Lm253.45,5; u tikkundanna lill-konvenut Camilleri jħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż skond ir-rispettivi rebħ u telf;

Spejjeż tal-konvenut Galdes & Mamo Ltd. għall-attur, billi dawn ġew imdaħħla fil-kawża inutilment;

Bl-imgħax mid-data tas-sentenza.